MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 422/2004

Kawza fil-lista: 28

**A B bhala mandatarju specjali ta' l-assenti C B u l-assenti D E**
**Vs**
**F E, Direttur tar-Registru Pubbliku u G H nominata kuratrici ad litem tal-minuri I E b' digriet tal-21 ta' Frar 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-attrici D E u l-konvenut F E huma mizzewgin izda ssaparaw "de facto" minn xulxin fis-sena 1990, u l-attrici bdiet f'Gunju 1991, tghix f'relazzjoni adultera mal-

attur gewwa Malta u mbaghad fl-Irlanda fejn ghadhom jghixu flimkien;

U peress illi matul ir-relazzjoni adultera taghhom l-atturi kellhom zewgt itfal, wahda minnhom, il-konvenuta minuri I E li twieldet fil-11 ta' Awissu, 1997 f'Malta (Dok. A) u cioe kwazi seba snin wara separazzjoni kontinwa u assoluta mill-konvenut F E;

U peress fil-perjodu bejn sena 1990 sallum, l-attrici u l-konvenut zewgha kienu fl-impossibilta' fizika illi jiggeneraw wild taghhom peress illi qatt ma kellhom relazzjoni wahda sesswali f'dan iz-zmien u ghexu l'boghod minn xulxin;

U peress illi mit-twelid tal-minuri I, it-trobbija u kustodja taghha kienet biss f'idejh l-attur jghix flimkien mal-attrici, u dan bhala t-tifla biologika taghhom it-tnejn, u illi l-konvenut F E qatt ma gab ruhu bhala missierha peress illi kien jaf illi ma setax kien il-missier naturali ta' I E;

U peress illi l-atturi ghandhom interess illi jimpunjaw il-paternita' tal-konvenut F E u dana skond l-artiklu 77 u artikli ohrajn tal-Kodici Civili;

Jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni u provediment opportun, inkluz l-ordni illi jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern l-avviz skond l-Artiklu 254 tal-Kodici Civili qabel is-smiegh tal-kawza:-

1. Tiddikjara illi l-minuri I E hija l-wild naturali tal-attur u mhux l-istess konvenut F E;

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-istess minuri (Att numru 3137 tas-sena 1997) billi fil-kolonna fejn hemm imsemmi l-isem u kunjom ta' missier tikkancella l-isem "F E" u tissostitwixxih bl-isem "C B" u tordna ukoll illi l-partikolari relattivi ghall-isem prezenti jigu sostitwiti bil-partikolari tal-isem tal-istess attur kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-attur ghandu jindika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali C B biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jitnizzlu taht id-dettalji ta' missier it-tarbija fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi fil-kaz illi t-talbiet attrici jigu milqugha l-kliem "the said" iridu jigu kancellati minn taht il-kolonna tad-dettalji ta' omm it-tarbija.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda ta' dawn il-partijiet;

Rat li l-konvenuti l-ohra, debitament notifikati ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni tal-espert xjentifiku Dottor Renald Blundell minnu debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-atturi qedin jitlobu dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri I E mhijiex il-wild naturali tal-konvenut F E, izda hija l-wild naturali ta’ l-attur C B; u talbu l-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri, bin-numru 3137/1997.

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien “fl-impossibilita’ fisika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha”.

F’ dan l-istadju u b’ referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f’ kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77 , il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe deciza fit-28 ta’ Frar 2003.

Mill-provi jirrizulta li fil-11 ta’ Awissu 1997 twieldet tifla I mill-attrici D E li f’ dak iz-zmien kienet mizzewwega lill-konvenut F E izda li kienet ilha separata de facto minnu minn Gunju 1990. Mill-atti jirrizulta nkontestat li f’ Gunju tas-sena 1991 l-attrici bdiet relazzjoni ma’ l-attur f’ Malta li sussegwentement kompliet fl-Irlanda fejn din il-kopja ghadha tirrisjedi sallum. Minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt it-tfal, li wahda minnhom hija l-minuri in kwistjoni u li ghalhekk trabbiet mill-atturi bl-attur bhala missierha.

Illi r-rizultat ta’ testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuna kemm ta’ l-attur kif ukoll tal-minuri I, jaghti konfort lit-tesi attrici li t-tifla hija wild naturali ta’ l-attur; ghalhekk tinsab esklusa b’ certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri.

Illi fl-udjenza tat-2 Mejju 2006 l-attur C B  kkonferma bil-gurament li n-numru tal-I.D. tieghu huwa 115848 (M)  u li meta twieldet it-tarbija huwa kien residenti Malta, twieled l-Imdina fl-24 ta' Dicembru 1947 u fid-data tat-twelid tat-tarbija kellu 49 sena; missieru jismu Alfred B u fiz-zmien li twieldet it-tarbija kien mejjet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri I mhijex il-wild naturali tal-konvenut F E, izda hija t-tifla naturali ta’ l-attur C B; u ghalhekk tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 3137/1997 tal-minuri I billi jitnehhew l-isem u l-konnotati ta’ F E u minflok jitnizzel l-isem tal-attur C B u l-konnotati tieghu; u li l-kelma “the said” tigi kancellata.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-atturi konguntivament fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------